**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**Vs**

**Roxanne Grech**
**Ryan Azzopardi**

**Illum 4 t'Awwissu 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Roxanne Grech ta' disgha u ghoxrin (29) sena, bint Francis u Rita Brincat neè Dalli, imwielda Pietà nhar it-23 ta' Lulju 1990, detentrici tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 352090(M) u residenti gewwa 11, Ideal, Flat 7, Triq L-Isqof F.S. Caruana, Msida, **u** fil-konfront ta' Ryan Azzopardi ta' ghoxrin (20) sena, iben Emanuel u Sonia neè Vella, imwieled Pietà nhar il-31 ta' Marzu 1999, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 116599(M) u residenti gewwa 2, Triq San Mikiel, Sqaq Numru 1, Bormla, talli:-

1. Fid-29 ta' Lulju 2019 ghall-habta tas-saghtejn u kwart ta' wara nofs in-nhar u fis-sieghat ta' qabel, irrendew ruhhom komplici f'serqa ta' tmienja u erbghin elf disgha mija u tnejn u disghin Euro (€48,992) minn gewwa l-istabiliment bl-isem ta' Burgers Ink li jinsab gewwa il-kumpless Is-Suq li jinsab gewwa Triq il-Merkanti, Valletta, liema serq huwa aggravat bil-valur ghad-dannu ta' Daniel Borg Cardona u/jew persuna/i w/jew ta' xi entità u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur ta' Artikoli 42, 261(c), 267, 279(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkustanzi saru ricedivi ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija l-Qorti tikkundanna lill-hatja ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' Esperti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, f'kaz ta' htija, tipprovdi ghas-sigurtà ta' Daniel Borg Cardona u tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti ipprezentati mill-Prosekuzzjoni: (i) Fedina penali ta' l-imputat Ryan Azzopardi - Dok. "A"; (ii) Fedina penali ta' l-imputata Roxanne Grech - Dok. "B"; (iii) Stqarrija rilaxxata permezz ta' l-audiovisual ta' l-imputata Roxanne Grech - Dok. "C"; (iv) Stqarrija rilaxxata permezz ta' l-audiovisual ta' l-imputat Ryan Azzopardi - Dok. "D"; (v) Dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghall-assistenza legali ta' l-imputat Ryan Azzopardi - Dok. "E"; (vi) Dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghall-assistenza legali ta' l-imputata Roxanne Grech - Dok. "F"; u (vii) Rapport tal-Pulizija dwar il-kaz - Dok. "G";

Semghet liz-zewg imputati jwiegbu li huma hatja ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront taghhom, liema ammissjoni giet minn kull wiehed u wahda minnhom ikkonfermata wara li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzathom bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonceditilhom zmien bizzejjed biex jirrikonsidraw t-twegiba taghhom u jergghu lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputati qed jigu akkuzati talli:- (a) fid-29 ta' Lulju 2019 ghall-habta tas-saghtejn u kwart ta' wara nofs in-nhar u fis-sieghat ta' qabel, irrendew ruhhom komplici f'serqa ta' tmienja u erbghin elf disgha mija u tnejn u disghin Euro (€48,992) minn gewwa l-istabiliment bl-isem ta' Burgers Ink li jinsab gewwa il-kumpless Is-Suq li jinsab gewwa Triq il-Merkanti, Valletta, liema serq huwa aggravat bil-valur ghad-dannu ta' Daniel Borg Cardona u/jew persuna/i w/jew ta' xi entità u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur ta' Artikoli 42, 261(c), 267, 279(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u (b) aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkustanzi saru ricedivi ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

L-imputati ammettew ghall-akkuzi dedotti fil-konfront taghhom u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssib liz-zewg imputati entrambe hatja ta' l-akkuzi kollha hekk dedotti kontra taghhom.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li entrambe l-imputati irregistraw ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fatt li it-tnejn li huma kkoperaw mal-Pulizija.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 42, 49, 261(c), 267 u 279 (b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti filwaqt li ttenni li qed issib liz-zewg imputati entrambe hatja ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront taghhom, tikkundanna lil kull wiehed u wahda mill-imputati ghall-perijodu ta' sentejn (2) prigunerija, izda peress illi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, senjatament fid-dawl ta' l-ammissjoni bikrija da parte ta' l-imputati u l-koperazzjoni taghhom mal-Pulizija, hemm lok li fir-rigward ta' kull wiehed u wahda miz-zewg imputati t-terminu ta' sentejn (2) prigunerija hekk risepttivament impost fuq kull wiehed u wahda minnhom jigi sospiz, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tissosspendi, fir-rigward ta' kull wiehed u wahda miz-zewg imputati, it-terminu ta' sentejn (2) prigunerija rispettivament impost fuq kull wiehed u wahda minnhom ghall-perijodu ta' erba' (4) snin mill-illum.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat liz-zewg imputati bi kliem car ir-responsabilità taghhom taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huma jikkommettu, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba stante li ma tressqux provi dwar tali spejjez.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed taghmel Ordni ta' Trazzin fil-konfront taz-zewg imputati ghall-fini li tipprovdi ghas-sigurtà ta' Daniel Borg Cardona, b'dana li iz-zewg imputati qed jigu projbiti milli javvicinaw jew b'xi mod isegwu l-movimenti ta' Daniel Borg Cardona ghal perijodu ta' tliet (3) snin mid-data ta' din is-sentenza, u dana kif rifless fi u taht il-kondizzjonijiet u t-termini imposti fid-Digriet ta' Ordni ta' Trazzin moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza, li taghha jifforma parti integrali.

Il-Qorti spjegat liz-zewg imputati bi kliem car il-konsegwenzi jekk minghajr skuza ragonevoli jiksru l-projbizzjonijiet imposti fuqhom bl-Ordni ta' Trazzin imsemmi u cioè li a tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jinstabu hatja jistghu jehlu multa ta' sebat elef Ewro (€7, 000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew il-multa u l-prigunerija flimkien.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**